# L-IMDINA

## *Ta'* R. Briffa

Kont l-isbaħ fost is-sbieħ, Omm l-Ibliet tagħna,
Tal-Malti l-għaxqa, l-għira tal-barrani;
Waħdek fil-għoli, bħalek ħadd setgħana;
Imħarsa mid-Dell għaqli tal-Warrani.

Mgħobbija b'elf salib kienu serħana,
Iħossu ruħhom biss il-fqir u l-għani
X'ħin lilhom tħaddan bid-dirgħajn felħana
U ttihom wens mill-qilla, mill-Furbani.

Il-lum inżajt mil-leħħa ta' xbubitek
U tfittex biss il-hena tal-mistrieħ;
'Ma sbejħa fost is-sbieħ sa fi xjuħitek!

Insiet in-nies tal-lum, ma nsewx l-erwieħ
Ta' dari. L-għanja sbejħa ta' tfulitek
Għadha tissamma' ma' tul l-erba' rjieħ..